**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta Naxxar**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Fatima Hassanin**

**Illum, 25 ta' April, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Fatima Hassanin bil-karta tal-identità numru 79276(M), li permezz tagħhom ġiet akkużata talli nhar il-25/7/2017, u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa 95, Sun Valley Court, Blk A, Flt 5, Triq il-Parroċċa, Naxxar, u f'dawn il-gżejjer Maltin :

> *"1. Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra il-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita tieghek innifsek lil xi hadd jhallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Charles (Carmel) Zahra fil-pussess ta' hwejjgu b'xi mod iehor kontra il-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.*

*2. Il-qorti hija mitluba jekk tkun tat xi piena lil min ghamel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull disordni jew inkonvinjent li bih ikun sar ir-reat, jew, skond ic-cirkostanzi, li jikkonforma ruhu mal-ligi, fi zmien,bizzejjed ghal dak il-ghan izda f ebda kaz iktar minn tlett xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit mill-qorti.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-ka, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat u fliet l-atti kollha processwali;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn, din il-Qorti tixtieq tissenjala li f'din il-kawża, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, ħatret lil Dottor Lennox Vella, sabiex jisma' l-provi u jirrelata, u dana stante n-natura partikolari ta' dan il-każ. Din il-ħatra seħħet fl-ewwel seduta, u ċioè dik tal-24 ta' Jannar 2018. Din il-Qorti hekk kif ippreseduta, ma qisitx li kien opportun li tirrevoka dan l-inkarigu.

F'dan l-istadju, din il-Qorti tagħmilha ċara li hija sejra tagħmel tagħha dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza tal-20 ta' Settembru, 2019, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Bernard C. Spiteri) vs Dennis Vella:

*"Fl-ewwel aggravju, l-appellant iressaq l-argument illi ssentenza hija nulla stante illi x-xhieda ma nstemghux*

*viva voce mill-ewwel Qorti kif jitlob l-artikolu 646 (1) tal-Kodici Kriminali.*

*Ezaminati l-atti, jemergi illi l-ewwel Qorti kienet hatret perit legali sabiex "jisma x-xhieda, jigbor id-dokumenti, jaghmel access fuq il-post u jirraporta lura lill-Qorti dwar l-akkuzi li l-imputat jinsab akkuzat bihom". (ara verbal tal-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2017 fol 9). Jirrizulta ukoll illi l-perit legali kien pprezenta r-relazzjoni tieghu (ara fol 21 et seq. tal-process).*

*Bhala fatt, ghalhekk jirrizulta dak li qed jghid l-appellant, bhala jirrizulta ukoll illi ebda wahda mill-partijiet ma pprotestat ruhha ghal dan meta saret il-hatra tal-perit legali wisq anqas irrizervat il-posizzjoni taghha;*

*3. Din il-Qorti, izda gia kellha l-okkazzjoni tippronunzja ruhha fuq kwistjoni konsimili fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Mary Rose Vella et tal-24 ta' Mejju, 2019 (App Krim 507/2017).*

*Dik il-parti dispositiva tas-sentenza qed tkun hawn riprodotta:*

*Huwa minnu, kif josservaw l-appellanti, illi l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi bhala regola x-xhieda ghandhom dejjem ikunu ezaminati fil-qorti u viva voce. Minnu ukoll illi l-artikolu 650 tal-istess Kodici jobbliga lill-Qorti li tordna perizja fil-kazijiet kollha li fihom tkun tinhtieg hila jew sengha specjali ghall-ezami tal-persuna. Fil-kaz odjern ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' htiega ta' hila jew sengha specjali tant li kien mahtur avukat biex jisma ix-xhieda u jigbor dokumenti dwar kwistjoni ta' nuqqas ta' hlas ta' salarju, hlas ta' vaganzi pubblici u hwejjeg simili. Madandakollu, l-appellanti qatt ma oggezzjonaw ghall-din il-procedura anke jekk mhux daqstant sollecitata mill-ligi u ma jistghux issa, ghaliex il-kawza kienet deciza sfavorevolment, jillanjaw is-sentenza b'aggravju bhal dan;*

*4. Bhalma ukoll gara f'dak il-kaz, l-imputat kien ippartecipa fil-kawza minghajr rizerva, ghamel il-kontroezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u anke sottomissjonijiet bil-miktub qabel mal-kawza thalliet ghas-sentenza. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs John Magro u Alfred Magro' 522/2016 fis-7 t'April 2017, 2008, dan il-punt kien mistharreg u deciz bil-mod segwenti:*

*Għalkemm l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li x-xhieda għandhom jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja bil-periti jinħatru mill-Qorti. Inoltre, is-subartikolu (5) tal-istess artikolu 650 jipprovdi wkoll, inter alia, li l-Qorti tal-Maġistrati, kemm bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali kif ukoll bħala Qorti istruttorja, tista' tagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan i-lQorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti prodotti jew terġa teżamina x-xhieda mismugħa sakemm il-Qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan.*

*Dan huwa preċiżament dak li ġara f'dan il-każ u l-imputati fl-ewwel istanza fl-ebda stadju ma għamlu xi talba sabiex il-Qorti terġa' teżamina x-xhieda li nstemgħu mill-perit nominat mill-Qorti.*

*Fl-appell tagħhom l-imputati jilmentaw li dan il-każ kien wieħed sempliċi li ma kien jirrikjedi l-ebda każ ta' xi ħila jew sengħa speċjali u jirrileva li lt-tielet proviso tal-artikolu 548(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 645 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap 12), it-tnejn jipprojbixxu l-ħatra ta' esperti unikament sabiex jisimgħu xhieda bil-ġurament u jistabilixxu l-fatti relevanti u dan, skont l-appellanti,*

*juri kemm tali perizji qatt ma kienu għall-qalb il-proċedura fil-Qrati Maltin.*

*Il-fatt jibqa', iżda, li l-artikolu 548 jirrigwarda l-proċeduri ta' in genere, li mhux il-każ hawn, waqt li l-artikolu 645 tal-Kap 12 ma ġiex reż applikabbli għall-qrati ta' ġustizzja kriminali.*

*Barra minn hekk mill-atti jirriżulta li meta l-ewwel Qorti nnominat il-perit fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2015 fil-preżenza tad-difensur tal-imputati dawn ma qajmu ebda eċċezzjoni għal dik il-ħatra u qatt ma qajmu ebda oġġezzjoni f'xi stadju wara tal-proċediment anqas wara li l-perit ippreżenta r-rapport tiegħu bil-ġurament.*

*Anqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-rapport peritali u li ppreżentaw quddiem l-ewwel Qorti fl-24 ta' Awwissu 2016 l-imputati ma qajmu ebda eċċezzjoni jew oġġezzjoni jew minimament ikkritikaw il-ħatra tal-perit u llimitaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-mertu tal-konklużjonijiet peritali. L-imputati ma jistgħux issa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri iqajmu eċċezzjonijiet quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni li qatt ma ssollevaw fl-ewwel istanza.*

*Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-imputati appellanti qiegħed jiġi respint u l-Qorti tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-appell fuq dawk l-aggravji li għadhom mhux deċiżi.'*

*5. Din il-Qorti ma tarax li ghandu jkun hemm xi ripensament dwar il-hsieb taghha fic-cirkostanzi kif prezentati f'dan l-appell u ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun michud."*

**Ikkunsidrat:**

L-imputazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, hija dik tar-ragion fattasi. F'dan l-isfond, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Lulju 2020, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter

TEUMA, fejn il-Qorti daħlet f'eżami approfondit ta' dan ir-reat, liema eżami jkun opportun li jiġi riprodott f'din is-sentenza:

> *"4. Ir-reat ta' ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jaqra kif ġej:*
>
> *Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi hwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'*
>
> *5. Is-sors legali li fuqu dan ir-reat huwa msejjes huwa l-Artikolu 168 tal-Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie. Dan l-Artikolu fil-fatt kien jippreskrivi r-reat bħala vie di fatto u jsegwi:-*
>
> *Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.*
>
> *6. Huwa ċar li l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie. Dan ifisser li għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dan ir-reat, din il-Qorti tista' tagħmel riferenza għal ġurisprudenza mhux biss Maltija iżda anke dik li tolqot dan lartikolu fid-defunt Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet u Kodiċi esteri oħra li kienu konsoni ma' dan it-test tal-Liġi Borbonika.*
>
> *7. Illi fil-kawża Il-Pulizija versus Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:-*

*Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva firRapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).*

*8. Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qorti tara li l-Qrati Maltin ħadnu l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu kemm b'mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, kif ukoll interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa' tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi Penali tar-Renju tal-Italja (jew il-Kodiċi Zanardelli). Dan jirriżulta li seħħ minħabba li għalkemm f'dawn il-Liġijiet ma hemmx l-identiċita tal-lokuzzjoni tar-reat, baqgħet somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.*

*9. It-test tal-Kodiċi Zanardelli relattiv għar-reat ta' ragion fattasi jaqra:-*

*286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l'altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito :*

*1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;*

*2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;*

*3. Col carcere estensibile a tre mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.*

*Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.*

*Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.*

*287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non Maggiore del doppio del danno recato.*

*10.Dan ir-reat isib postu taħt il-Capo 3 li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-awtorita' pubblika. Il-Carrara jfisser dan ir-reat b'dan il-mod :*

*La ragion fattasi (1) e' il delitto di chiunque – credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.*

*11.Din id-definizjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat, li skont l-istess Carrara huma :*

*1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o Mancanza di titolo piu' grave.*

*12.Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Zanardelli mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie, b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija talvjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali in primis jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-*

*mezz tal-vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Zanardelli kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li, fil-kuntest legali Malti, ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi bħal dik mogħtija mill-Imħallef William Harding fil-każ Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża Il-Pulizija vs Anthony Zahra, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-*

*a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;*

*b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;*

*c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite lproċess legali;*

*d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.*

*13.Għalkemm din l-esposizzjoni tal-elementi tar-reat ta' ragion fattasi tirrispekja dak mistqarr mill-Carrara fuq il-Kodiċi Penali Taljan kif muri aktar il-fuq, il-Qrati Maltin abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq ir-reat ta' ragion fattasi li kien misjub taħt il-Kodiċi Borboniku. Il-Qrati Maltin komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi fil-każijiet speċifiċi għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi meqjus integrat.*

*14.Sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd - ikun xi jkun dak il-pussess jew jedd – dment li jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew jedd jew xi forma tiegħu. F'Malta, anke detenzjoni minn konjuġi ta' dar fuq mera tolleranza u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi, ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion*

*fattasi u dan peress li kien hemm l-istatus quo li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tassuġġett attiv minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.*

*15.Is-suġġett attiv ġie li si e' fatto arbitariamente ragione u mhux sempliċiment si e' fatto ragione da se'. Skont is-sentenza tal-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 Mioli ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jikkastiga chi si fa ragione da se' ma chi si fa arbitrariamente ragione5 b'mod li jitturba l-istatus quo prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.*

*16.Skont il-Carmignani, li jikkummenta fuq il-Liġi fit-Toskana qabel lunifikazzjoni tal-Italja, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda jrid ikun hemm pussess "attwali" u li tkun l-azzjoni tat-terz li twassal għat-turbattiva ta' dak l-istatus quo: -*

*879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....*

*17.Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-istatus quo filperjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat millparte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt. Skont l-Arabia, l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona tturbativa tal-pussess per se iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom blazzjoni unilaterali da parti tal-privat :*

*Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' mezzi dell'autorita' pubblica. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose,*

*a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.*

*18.L-Arabia kien qiegħed jikkonċentra fuq il-Liġi Borbonika tal-vie di fatto - identika għal dik Maltija in materia - u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' ragion fattasi fil-Kodiċi Zanardelli.*

*19.Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza fuq il-Kodiċi Penali Taljan, li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Il-kurrent tradizzjonali jsostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq il-vjolazzjoni tal-monopolju ġurisdizzjonali magħmula bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv billi dan, minflok - kif obbligat jagħmel - jirrikorri għall-ġurisdizzjoni tal-awtorita tal-Qrati, jagħżel li jaġixxi minn jeddu biex jieħu dak id-dritt li jippretendi li għandu mingħajr ma jadixxi lill-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa l-istatus quo tal-pussess tad-drittijiet; l-istatus quo intiż bħala l-istat ta' fatt fejn persuna tkun qed teżerċita dritt fuq oġġett anke jekk tkun titolari apparentia iuris, u fejn allura l-azzjoni turbattiva tas-suġġett attiv tiddisturba dan l-istatus quo ta' pussess anke bażat fuq apparentia iuris.*

*20.Inoltre, skont il-Carrara "qui continuat non attentat"; u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid listess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata : -*

*L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque; perche' la legge protegge lo stato quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.*

*21.Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li : -*

*Si e' conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo' essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo' verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu' recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina', CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85 Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere <presteso> si ricava come gli elementi sopra indicate descrivano innanzitutto come presupposto del reato l'esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita' del diritto.*

*22.Anke taħt il-Kodiċi Borboniku kien importanti li tkun ravviżata din il-kontroversja jew kontenzjożita ta' drittijiet. Skont l-Arabia, din tirriżulta meta jkun hemm is-segwenti :*

*Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro avea dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare pel suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata. Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingusto, e quindi una*

*turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il dette cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art.168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.*

*23.Illi din il-ġurisprudenza hija riflessa fil-ġurisprudenza Maltija, li kif intwera, tqis l-elementi tar-ragion fattasi bħala li huma s-segwenti:-*

*a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;*

*b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;*

*c)ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite lprocess legali;*

*d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi;Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.*

*24.B'hekk il-fatt li persuna jkollha titolu fuq il-propjeta ma jipprekludihiex milli tkun passibbli għar-reat ta' ragion fattasi filkażijiet kongruwi. Ir-reat jista' jissusisti wkoll f'każ li l-persuna affetta mill-azzjoni tas-suġġett attiv setgħa kellha biss is-sempliċi pussess jew detenzjoni tal-proprjeta in kwistjoni jew saħansitra meta sempliċiment ikollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-propjeta' in kwistjoni u, minħabba l-azzjoni*

*tas-suġġett attiv, hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija tal-istess oġġett. Infatti fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas, il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:*

*L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, blewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.*

*25.Ukoll fl-appell Il-Pulizija vs. John Vassallo13, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi:*

*Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' lartikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.*

*26.Skond sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali flismijiet Il-Pulizija vs. John Dimech:*

*id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' ragion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu."*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset il-provi kollha li ġew prodotti.  Rat ukoll ir-rapport ippreżentat mill-Perit Legali, kif ukoll rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Minn eżami proċesswali, jirriżulta b'mod evidenti, li dak li ġara kien li waqt li Carmel Zahra kien assenti minn dawn il-gżejjer, Fatima Hassanin ħadet ammont ta' oġġetti li kienu fid-dar fejn kienet tirrisjedi flimkien ma' Carmel Zahra, u telqet 'il barra bihom.  Dana mingħajr l-ebda kunsens ta' Carmel Zahra.

Din il-Qorti tqies li l-imputazzjoni li dwarha ġiet akkużata Fatima Hassanin, bl-ebda mod ma tirrikjedi li l-kwerelant ikun l-proprjetarju assolut ta' dawn l-oġġetti li dwarhom sar l-ilment.  Jista' jkunu sempliċiment oġġetti li kienu fil-pussess tiegħu, kif ukoll jistgħu jkunu oġġetti li huwa ko-proprjetarju ma' oħrajn, inkluż mal-istess Fatima Hassanin.

Id-difiża li tressaq Fatima Hassanin, hija prinċipalment li l-oġġetti li hija ħadet magħha meta telqet mid-dar minħabba li r-relazzjoni ma' Zahra kienet spiċċat, u minħabba li kienet ġiet trattata ħażin minnu, kienu kollha proprjetà tagħha personalment.  Irriżulta b'mod ampju u ċar, li effettivament l-oġġetti li dwarhom għamel ir-rapport Zahra, kienu sitwati fid-dar fejn hu u Fatima Hassanin kienu jirrisjedu flimkien, u kif ukoll kienu oġġetti li kienu jagħmlu użu minnhom, kemm Hassanin, kif ukoll Zahra. Il-Qorti tqies li l-argumentazzjoni mressqa, fis-sens li kellha titressaq xi prova da parti tal-Prosekuzzjoni dwar min hu l-proprjetarju tal-oġġett, u dwar il-prezz li bih inxtraw dawn l-oġġetti, huma kollha superfluwi u mhux meħtieġa.

Dak li kellu jiġi ppruvat, u li fil-fatt fil-fehma ta' din il-Qorti, ġie ampjament ippruvat, huwa li Hassanin ħadet diversi oġġetti minn ġewwa d-dar residenzjali fejn kienet tabita ma' Zahra, liema oġġetti kienu jagħmlu użu minnhom, kemm l-istess Hassanin, u kif ukoll Zahra, u li dan it-teħid sar mingħajr il-kunsens ta' Zahra.

F'dan l-isfond, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fil-kawża, Pulizija vs Kevin D'Agostino, deċiża fil-21 ta' Novembru 2003, li għaliha saret referenza mill-abbli legali ta' Carmel Zahra, kif ukoll għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-7 ta' Jannar 1998, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Georgina Gauci. F'dan l-aħħar każ imsemmi, l-imputata ġiet akkużata bir-reat ta' ragion fattasi, wara li spussessat lil żewġha minn vettura, u kienet b'mod arbitrarju, qed iċċaħħad lill-istess żewgha mill-użu ta' dik il-vettura. Il-Qorti tal-Appell spjegat li mill-provi, irriżulta li dak li ġara kien, li l-appellanti kkapparrat din l-vettura għaliha, b'mod li ma ħallietx lil żewġha jagħmel użu minnha. Il-Qorti qalet:

> "*L-ewwelnett ghandu jigi osservat li fil-ligi taghna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet publici ohra....Fost l-ipotesijiet ikkontemplati fl-artikolu 85 tal-kap 9 hemm dik ta' min 'ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu.' Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom – sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi – drittijiet ta' tgawdija ndaqs fuq dak l-oggett. L-istess jinghad ghall-koproprjetarji jista' jinqeda bil-hwejjeg in komun, dan ma jistax jaghmlu 'b' mod li ma jhallix lill-koproprjetarji l-ohra jinqedew biha in komun skond il-jeddijiet taghhom.' Ovvjament hemm certi oggetti li ma jistghux jitgawdew jew jigu uzati mill-ko-possessuri jew koproprjetarji kontemporanjament; il-ko-possessuri jew koproprjetarji ta' pinna ma jistghux jiktbu biha lkoll f' daqqa! Fil-kaz tal-pussess – ghax l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali jittutela l-pussess u mhux il-proprjeta' - dak li hu mehtieg hu li ko-possessuri jaghmlu, kull wiehed minnhom, uzu ragonevoli mill-oggett b' mod li ma jkunx jista' jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mit-tgawdija ragjonevoli ta' xi oggett......Fil-kaz in dizamina, l-appellant bil-fatt li hadet il-vettura T-7684 ghall-uzu esklussiv taghha ghal aktar minn sena meta din il-vettura sa dak iz-zmien kienet fil-pussess kemm taghha kif ukoll ta' zewgha, fixklet lil zewgha fil-pussess ta' hwejjgu u ghalhekk jikkonfigura r-reat ikkontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap 9. Flok ma' l-appellanti rrikorret quddiem l-*

*awtorita' gudizzjarja kompetenti – mqar kif ipprovdut fl-artikolu 6A tal-Kodici Civili – hi assumiet pussess esklussiv tal-vettura."*

Issir referenza wkoll għal sentenza ta' din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Roderick Agius) vs Josephine Cuschieri, deċiża fl-10 ta' Ottubru 2014, li kienet ukoll tirrigwarda fost oħrajn, imputazzjoni ta' ragion fattasi, stante li l-imputata allegatament kienet ċaħdet aċċess lil żewġha mid-dar residenzjali tagħhom. Il-Qorti spjegat li:

*"Kwantu għat-tielet imputazzjoni din il-Qorti tqis li din ġiet soddisfaċentement ippruvata.*

*Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputata kienet ilha sa minn kmieni fil-għodu thedded lil żewġha, inter alia, li kienet sejra taqflu barra mid-dar. Mhux talli din it-theddida stqarritha talli fil-fatt żammet kelmitha u wetqitha. Ma ġiex kontestat li l-fond in kwistjoni huwa l-fond matrimonjali. Il-fatt li l-imputata, unilateralment, mingħajr l-intervent tal-awtorita ġudizzjarja kompetenti għażlet li tostakola u timpedixxi l-aċċess ħieles ta' żewġha lejn l-istess fond matrimonjali isawwar il-konvinzjoni f'din il-Qorti li r-reat kontestat ġie integrat.*

*Dan ukoll wara li din il-Qorti żammet quddiem għajnejha dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs Lawrence Camenzuli" deciza nhar is-17 ta' Settembru 2004 fejn ġie deċiż illi:-*

*Ir-reat ta' ragion fattasi huwa meqjus bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra. Ghalhekk anke fil-kaz ta' ko-pussessuri (bhalma jista' jkunu r-ragel u l-mara) dak hi hu mehtieg hu li huma "jaghmlu, kull wiehed minnhom, uzu ragonevoli mill-oggett b'mod li ma jkunx jista' jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mit-tgawdija ragonevoli ta' dak l-oggett" (Appell Kriminali Il-Pulizija vs Georgina Gauci, 7 ta' Jannar 1998, Vol. LXXXII.iv.76). Ghalhekk l-att li bih ko- pussessur ibiddel is-serratura ta' dar biex b'hekk jipprekludi lill-ko-pussessur l-iehor milli jkollha*

*access ghad-dar, huwa bla dubju ta' xejn att ta' ragion fattasi.*

*F'dan il-każ għalkemm ma jirriżultax li s-serratura tal-bieb ġiet mibdula, il-manuvra li permezz tagħha l-aċċess għall-parte civile ġie mċaħħad huwa billi saret forma t'ostaklu biex il-bieb ta' barra ma jkunx jista jinfetah minnu permezz ta' biċċiet tal-injam li servew biex il-bieb jiġi ostakolat. Din l-azzjoni tal-imputata waslet sabiex it-tgawdija raġonevoli tal-fond matrimonjali ta' Alfred Cuscheri ġiet, għalkemm għat żmien qasir, imfixkla lilu. Dik il-Qorti ċċitat ukoll is-sentenza tal-istess Qorti "Il-Pulizija vs Raymond Pace" deċiża nhar l-1 ta' Diċembru 2000 fejn ġie deċiż illi: -*

*Fil-fehma tal- Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodici Civili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma ghandhom jitqiesu bhala 'ko-pussessuri' tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, cioe` bhala proprjeta`, kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti wahda mill-mizzewgin (ara s-subartikolu (2) tal-Artikolu 3A imsemmi). Bhala ko-pussessuri, kull wiehed mill-konjugi ghandu dritt jaghmel uzu ragjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-ohra mit-tgawdija ragjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1998 fl-ismijijet Il-Pulizija v. Georgina Gauci li ghaliha ghamlu referenza kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali).*

*Fil-fehma tal-Qorti bl-għażla tagħha l-imputata marret kontra l-liġi u anke jekk l-ostaklu kreat minnha kien wieħed temporanju u faċilment rimwovibbli, xorta rriżulta li ostakolat/ipprivat temporanjament l-użu raġjonevoli tad-dar konjugali lil żewġha Alfred Cuschieri għaliex kien ġie bl-azzjoni tagħha prekluż li jaċċedi għall-istess fond."*

Fuq l-istess linja kienet is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru, 2004, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Lawrence Gauci.

Għaldaqstant, din il-Qorti tqies li anke f'każ ta' ko-possessuri, dak li hu meħtieġ hu li huma jagħmlu, kull wieħed minnhom, użu raġonevoli mill-oġġett, b'mod li ma jkunx jista' jingħad li wieħed qed jipprova lill-ieħor mit-tgawdija raġonevoli ta' dak l-oġġett. Bl-aġir tagħha, Fatima Hassanin ipprivat lil Charles (Carmel) Zahra mit-tgawdija tal-oġġetti indikati f'Dok CZ1, u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9.

Madanakollu, nonostante dak kollu fuq premess, jirriżulta mill-kwerela ppreżentata bħala Dok FH1, u anke mix-xhieda mogħtija fl-affidavit ta' WPS 158 Gillian Henwood, u mix-xhieda ta' Charles (Carmel) Zahra, illi kien fil-25 ta' Lulju 2016, u fil-ġranet ta' qabel, li seħħ dan l-inċident li dwaru għamel rapport. Nonostante dan, din l-imputazzjoni tirrisali għad-data tal-25 ta' Lulju 2017, u fil-ġranet ta' qabel. Il-Qorti qieset li ma tressqux provi li l-aġir ilmentat dwaru, u li għal din il-Qorti huwa ċar li seħħ bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, seħħ fid-dati u/jew ġranet indikati fl-imputazzjoni.

F'dan l-isfond, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija [Spettur Kylie Borg] vs Paul Fenech, deċiża fis-6 ta' Mejju 2019, fejn intqal:

> *"Minkejja dan id-difiza fit-trattazzjoni taghha rrilevat li l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih u dan minhabba zball fid-data inkriminata.*
>
> *In effetti l-Qorti tinnota li l-akkuzi odjerni huma bbazati fuq skrittura li ggib bhala data t-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Minkejja dan, id-data inkriminata kif jidher mic-citazzjoni a folio 1 tal-process taqra hekk: "id-9 ta' Jannar 2012, u/jew fil-jiem ta' qabel".*
>
> *Illi d-difiza rrilevat li l-imputat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih stante li hemm diskrepanza ta' kwazi sentejn u xahrejn bejn id-data meta giet iffirmata l-iskrittura u d-data inkriminata.*
>
> *Il-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni bbazat il-kawza taghha fuq din l-iskrittura tat-tletin (30) ta' Novembru*

*tas-sena elfejn u disgha (2009) tant li l-Ufficjal Prosekutur ghamlet referenza ghal tali skrittura kull darba li hija resqet persuna biex tixhed.*

*Illi ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni kellha tindika t-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) bhala d-data inkriminata u mhux id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012). Il-Qorti tinnota li fl-istess data inkriminata hemm ukoll imnizzlin il-kliem: "u/jew fil-jiem ta' qabel." Minkejja dan it-tifsira tal-kliem "fil-jiem ta' qabel" certament ma tistax tigi mgebbda ghal sentejn u xahrejn.*

*F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Polidano moghtija fis-26 ta' Ottubru 20161 fejn gie ritenut is-segwenti: "Jigi stabbilit illi l-kliem 'fil-granet ta' qabel' certament jirrestringi l-perjodu ghal mhux aktar minn gimgha."*

*Illi huwa fundamentali li z-zmien meta sar ir-reat jaqbel maz-zmien indikat fic-citazzjoni. In effetti r-reat irid jikkombacja mad-data inkriminata. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa li giet deciza fil-31 ta' Mejju 20172 fejn l-istess Qorti rriteniet is-segwenti: "Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.....". L-istess Qorti imbaghad taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa3 fejn kien hemm zball fil-hin ta' meta sehh l-incident fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li: "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-*

*imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament." Il-Qorti fil-kawza kontra Nicole Anne Testa kompliet billi ddecidiet hekk: "il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. … Illi il-Qorti ftit ghandha x'izzid meta rinfaccjata b'dan id-difett procedurali billi l-akkuzi kollha jirreferu ghal data ohra u mhux dik meta sehh dan is-sinistru stradali biex b'hekk l-appellanti qatt ma tista' tigi misjuba hatja li wettqet ir-reati addebitati fil-gurnata indikata fic-citazzjoni, u cioe' dik tal-05 ta' Mejju 2015, billi kellu jirrizulta mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni illi dawk ir-reati sehhew f'jum iehor."*

*Illi fil-kaz odjern il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet korrezzjoni tad-data inkriminata u in oltre l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova biex turi li l-firma li giet iffalsifikata saret fid-disgha (9) ta' Jannar elfejn u tnax (2012) jew gimgha qabel tali data u mhux fit-tletin (30) ta' Novembru elfejn u disgha (2009).*

*Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati tal-ewwel (1) akkuza."*

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, The Police (Inspector Jean Paul Attard) vs Mitchel Ricardo Antonius Virginia (Dutch Identity Card number IH2451841), deċiża fl-14 ta' Frar 2022, intqal:

*"In the present case, the accused is being charged with having committed the offence of aggravated theft on the night between 24th November and 25th November 2021.*

*As stated above, he pleaded guilty to the charges brought against him. Yet, from the records of the proceedings, the Court has serious doubts as to whether the mentioned offence actually took place on the night indicated in the charges. In this respect, the Court notes that during the testimony given by Giuseppe Giudice in the sitting of 27th November 2021, the Prosecuting Officer asked the witness about what happened between the night of 25th and 26th November 2021 and the said witness explained how he had left his hotel room at about 10:30 p.m. and returned at 3.30 a.m., referring also to the items that had gone missing from the said room. Likewise, in the said sitting, witness Melissa Ruggiero testified in connection with the events of the night of 25th and 26th November 2021 following the reference made to her to the said night by the Prosecuting Officer.*

*The Court further notes that from the accused's statement of 26th November 2021, it results that the said accused was questioned by the Investigating Officer about the night between 25th and 26th November 2021. Thus, the said Officer questioned the accused about his whereabouts "during the night of 25/11/2021 to 26/11/2021", about what he was wearing "during the night of 25/11/2021 – 26/11/2021" and if he knew anything about the theft from Room 308 in St. Julian's Bay Hotel "during the night of 25/11/2021 – 26/11/2021". In addition, to the question as to whether there was anything that he wished to add, remove or change from his statement, the accused answered inter alia that "last night is a blur to me" [emphasis of the Court] thus referring to the night between the 25th and 26th November 2021, considering that hisstatement was taken on 26th November 2021 at 18.10 hrs.*

*Furthermore the Court notes that although the application filed by the Commissioner of Police on 27th November 2021 refers to the date of the accused's arrest as 25th*

*November 2021, which would imply that the theft could not have occurred on the night between 25th and 26th November 2021, yet the declaration of the accused refusing legal assistance, also signed by the said accused, refers to the accused having been arrested on 26th November 2021 at 2:45 p.m.*

*Thus, notwithstanding the fact that the accused has filed a guilty plea in this case, considering the above and considering that the theft charge refers to the night between the 24th and 25th November 2021, the Court has a reasonable doubt as to the guilt of the accused in respect of the offence as indicated in the first charge. Section 360(2) of Chapter 9 of the Laws of Malta states that:*

*"The summons shall contain a clear designation of the person summoned and a brief statement of the facts of the charge together with such particulars as to time and place as it may be necessary or practicable to give …".*

*In its judgement of 19th November 2015 in the case Il-Pulizija vs Andre` Falzon, the Court of Criminal Appeal referred to another judgement given by the said Court, as differently presided, on 18th October 2005 in the case Il-Pulizija vs John Mary Briffa, where the appellant had been charged with offences that allegedly took place at around 7.30 p.m., whereas the evidence brought referred to an incident that had occurred at around 7.30 a.m.. In that case, it was held that:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."*

*In Il-Pulizija vs Andre` Falzon, in which case the accused had also filed a guilty plea before the Court of Magistrates as in the present case, after referring also to other judgements which confirmed this same principle (Pulizija vs Warren Piscopo and Pulizija vs Rita Theuma, both decided by the Court of Criminal Appeal on 19th October 2011), the Court continued as follows:*

*"Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati."*

*It is therefore clear in this case, that since the theft charge refers to the night between the 24th November 2021 and 25th November 2021, whereas the records of the proceedings refer to the facts leading to the said charge as having occurred on the night between the 25th November 2021 and 26th November 2021, the accused cannot be found guilty of the offence of theft as charged."*

Din il-Qorti qed tagħmel tagħha l-insenjamenti riprodotti f'din is-sentenza hawn fuq ċitata.

Ġialadarba għalhekk ma tressqux provi li l-incident seħħ fid-dati msemmija fl-imputazzjoni, u ġialadarba qatt ma ntalbet xi korrezzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni, l-imputata ma tistax tinstab ħatja tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tagħha.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, din il-Qorti qed tillibera lill-imputata minn kull kundanna u ħtija. Il-Qorti tagħmilha ċara li d-drittijiet ċivili appartenenti lill-partijiet, jibqgħu impreġudikati b'din id-deċiżjoni.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**